MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 40/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs.**

**Wayne Pullicino u**

**Monica Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Wayne Pullicino ta' 19-il sena bin Peter u Monica nee' Gravina, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' April 1987 u joqghod 'Binja 21 ta' Settembru 1964' Flat No 1, ENT F, Ta' Zwejt, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 208087(M)

u

Monica Pullicino nee' Gravina ta' 42 sena, bint Alfred Gravina u Beatrice nee' Vella, imwielda Pieta' nhar it-30 ta' Lulju, 1964 u toqghod 'Binja 21 ta' Settembru 1964' Flat No 1, ENT F, Ta' Zwejt, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 395364(M)

Akkuzati talli nhar it-28 ta' Dicembru, 2006, gewwa dawn il-Gzejjer:

a) Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LOU 246, fuq telefown cellulari tal-marka Nokia, fuq rixtellu u fuq xi affarijiet ohra liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta' Peter Pullicino u Marilou Sciberras u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkawzaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Peter Pullicino u Marilou Sciberras skond kif iccertifika Dr. John Zammit Montebello MD u dan bi ksur ta' artikolu 22(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh ta' Peter Pullicino u Marilou Sciberras wegghuhom bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghal Peter Pullicino u Marilou Sciberras sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Monica Pullicino wahedha:

f) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettiet serq ta' gizirana tad-deheb ghad-detriment ta' Peter Pullicino liema serq huwa aggravat bil-valur ta' iktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1,000) u dan bi ksur ta' artikoli 261(c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ghamlet attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Peter Pullicino, u dan billi wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejret strument li jaqta u bil-ponta (sikkina), li kellha fil-pussess taghha fid-direzzjoni ta' Peter Pullicino, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha u dan bi ksur ta' Artikoli 41(1)(a), 64, 216 u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Peter Pullicino u Marilou Sciberras u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fil-15 ta' Jannar, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat il-verbal fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2009, gie verbalizzat hekk: *"Dehru l-parte civile Peter Pullicino u Marie Lou Sciberras u ddikjaraw li jridu jahfru dak li jista' jkun rinunzjabbli fil-konfront ta' Wayne u Monica Pullicino. Sad-data tal-lum, iz-zwieg ghadu mhux annullat."*[1]

Rat li l-partijiet ma ghamlux la sottomissjonijiet finali orali u lanqas bil-miktub.

[1] Ara fol. 33 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-28 ta' Dicembru 2008 ghal habta tad-9.38p.m., Peter Pullicino cempel lil pulizija u rraporta li martu u t-tifel tieghu (l-imputati) kienu marru r-residenza tieghu u bdew isabbtu fuq il-bieb tieghu u fuq il-karozza tal-partner tieghu, Marie Louise Sciberras, u jinsulentawhom.
2. Peter Pullicino allega li kien sema hoss ta' tkissir ta' hgieg, u ftit hin wara, ibnu, l-imputat, sgassa il-grada tal-hadid u dahal fir-residenza, u l-imputati habtu ghalihom.
3. Peter Pullicino allega li l-imputata martu, harget sikkina kbira mill-kexxun tal-kcina u ippuntata lejhom, pero hu irnexxielu johodielha.
4. Billi l-imputat ibnu kien qieghed allegatament jaghtihom, Peter Pullicino sprejja il-*pepper spray* go wicc ibnu.
5. L-imputata allegatament qabdet lil Marie Louise Sciberras minn xagharha u bdiet tigbidha.
6. L-imputati allegatament bdew jitfghu oggetti iebsin fid-direzzjoni ta' Peter Pullicino u Marie Louise Sciberras.
7. Meta waslu l-pulizija, il-partijiet kollha kienu ghadhom imqabbdin f'xulxin, u l-pulizija ikkalmawhom.
8. Peter Pullicino allega li sab gizirana nieqsa, u wara li l-Pulizija kellmet lill-imputata, din ammettiet li kienet haditha hi, pero ghamlet hekk ghax il-gizirana taghha ukoll kienet nieqsa.
9. Il-pulizija elevaw tlett iskieken minn fuq il-post ghal iktar investigazzjoni.
10. Peter Pullicino u Marie Louise Sciberras gew certifikati minn tabib li kellhom griehi ta' natura hafifa.[2]
11. Min-naha l-ohra, fl-istqarrija taghhom, l-imputati qalu li meta marru ghand Peter Pullicino, u habtu l-bieb beda joffendihom u ma fetahx mill-ewwel. L-imputat beda joffendieh lura. Kif fetah, l-imputat allega li Peter Pullicino sprejjalu l-pepper spray u beda jtih, u l-imputat beda jtih lura.

[2] Ara xhieda ta SM 48 Paul Zahra a fol. 21 tal-process, rapport tal-pulizija ezebit bhala Dok PZ a fol. 27 tal-process, u c-certifikati medici ezebiti bhala Dok RM1 u RM2 fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011.

12. L-imputati allegaw li Marie Louise Sciberras bdiet tati lill-imputata, u li anki Peter Pullicino beda jaghti lill-imputata.
13. L-imputati cahdu li huma ghamlu xi hsara fuq il-karozza ta' Marie Louise Sciberras.
14. L-imputat ammetta li huwa mar ghand missieru ghas-sodisfazzjon, ghax skont l-imputat missieru kien sfidah u mar biex jurih li ma jibzax minnu. L-imputat ammetta li beda jitfa' l-affarijiet, izda cahad li waddab mobile.
15. Fl-istqarrija, l-imputata qalet li waqt il-glieda inqatatilha l-gizirana u tilfitha, u allura hija gibdet il-gizirana li kellu f'ghonqu Peter Pullicino *"ghax kif haduli tieghi ridt niehu taghhom."*
16. L-imputata cahdet li kienet qabdet sikkina b'idejha u xejritha fid-direzzjoni ta' Peter Pullicino.[3]

Ghalhekk fil-kaz odjern, il-verzjonijiet tal-partijiet civili u tal-imputati huma kontrastanti, u l-kawza tiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda.

Pero fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2009 – meta kien ghadu xehed biss ufficjal wiehed tal-Pulizija - gie verbalizzat hekk: *"Dehru l-parte civile Peter Pullicino u Marie Lou Sciberras u ddikjaraw li jridu jahfru dak li jista' jkun rinunzjabbli fil-konfront ta' Wayne u Monica Pullicino. Sad-data tal-lum, iz-zwieg ghadu mhux annullat."*[4]

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2011,[5] Peter Pullicino xehed li huwa jigi missier l-imputat u r-ragel tal-imputata, u li ma jridx jixhed f'dawn il-proceduri. Xehed ukoll li ma kien ra lil hadd jaghmillu l-hsara.

Fl-istess seduta, Marie Louise Sciberras xehdet li hija lesta li tahfer kollox u li ma kienet qed tippretendi xejn minghand l-imputati.

In vista tal-konflitt fil-verzjonijiet bejn il-partijiet civili u l-imputati *a tempo vergine*, u in vista tal-fatt li l-partijiet civili, cioe l-allegati vittmi, ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri, certament l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ma gewx ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

[3] Ara l-istqarrijiet tal-imputati ezebiti bhala Dok RM4 u Dok RM 5 a fol. 56 *et seq.* tal-process.
[4] Ara fol. 33 tal-process.
[5] Ara fol. 48 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, u qieghda tilliberahom minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------